23 ta' Novembru, 1953

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President;*
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.;
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Paul Barbara *versus* Gaetano Debattista**

**Lokazzjoni — Board tal-Kera — Appell — "Alternative Accomodation" — Art. 10 tal-Kap. 109.**

*L-eżistenza ta' "alternative accomodation" mhix kondizzjoni "sine qua non" biex tiġi milqugħa talba għar-ripreża tal-pussess ta' fond da parti tal-lokatur.*

*Is-sentenza tal-Board tal-Kera li tapplika dan il-prinċipju tikkontjeni sempliċement enunċjazzjoni ta' dak li tgħid il-liġi stess, u ma tikkostitwix dak il-punt ta' dritt li d-deċiżjoni tiegħu tiftaħ lok għall-appell.*

Il-Qorti — Wara li rat it-talba tar-rikorrent quddiem il-Board tal-Kera biex jerġa' jieħu taħt idejh l-ambjenti kollha tal-fond nru. 36 Timber Wharf, Marsa, barra minn kamra waħda biss li fiha jabita huwa stess, mikrijin lill-intimat, għax iridhom għalih biex jerġa' jingħabar ma' martu u ibnu;

Rat id-deċiżjoni tal-Board ta' l-ewwel ta' Lulju 1953, li biha laqa' t-talba, u għall-fini ta' l-iżgumbrament ta lill-intimat xahrejn żmien, u ordna li l-ispejjeż jitħallsu mill-intimat; billi kkunsidra;

Li r-rikorrent xi żmien ilu kellu xi jgħid ma' martu......;

Li ma hemmx bżonn li wieħed jinnota, għax tgħidu ċar l-istess liġi, li l-eżistenza ta' "alternative accomodation" mhix kondizzjoni "sine qua non" biex tiġi milqugħa talba għar-ripreża tal-pussess ta' fond da parti tal-lokatur;

Li fiċ-ċirkustanzi tal-każ jidher li l-"hardship" tar-rikorrent kien ikun akbar kieku kellha tiġi miċħuda t-talba, milli jkun għall-intimat jekk tiġi milqugħa;

Rat ir-rikors li bih l-intimat appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija, talab li tiġi revokata, u li t-talba tar-rikorrent Barbara tiġi miċħuda; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis;*

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat fuq l-inċident ta' l-inappellabilità (verbal fol. 14);

Li fis-sentenza appellata ma hemm ebda deċiżjoni fuq pont ta' liġi. Il-paragrafu, fil-parti espożitiva tad-deċiżjoni, li fih jingħad li l-eżistenza ta' "alternative accomodation" ma hix kondizzjoni "sine qua non" biex tiġi milqugħa talba għar-ripreża ta' pussess ta' fond da parti tal-lokatur jikkon-

tjeni *sempliċi* enunċjazzjoni ta' dak li tgħid l-istess liġi fl-art. 10 Kap. 109 proviso, u ċertament l-applikazzjoni tal-liġi "sic et simpliciter" ma *tikkostitwixxix* dak il-pont ta' *dritt* li d-deċiżjoni tiegħu tiftaħ lok għall-appell. Kwantu għall-bqija, il-valutazzjoni tal-"hardship" reċiproku hi ħaġa li tam-monta *għal apprezzament* ta' fatt tal-Board, li ma hux sin-dakabili;

Għalhekk tiddeċidi *billi tiddikjara* d-deċiżjoni fuq im-semmija inappellabili, u konsegwentement tiddikjara l-appell irritu u null, u bħala tali tirrespinġieħ; bl-ispejjeż *taż-żewġ istanzi kontra l-appellant.*

---